Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

Data tal-laqgħa: 10 ta` Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fid-9.00 ta` filgħodu.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Andre` Grech – Viċi Sindku

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 51.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

51.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta` apoloġija tal-Viċi Sindku Andre` Grech li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta` safar. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta` apoloġija.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 50

51.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Ħamsin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

51.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 51.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

51.3.1 Para 50.8.4.3 – Kwotazzjoni biex tiġi installata *bike rack station* b`roti li jistgħu jinkrew
Ġiet innutata r-risposta tad-Direttur tal-kumpanija Nextbike Malta fejn qal skond l-iskema maħruġa mill-Ministeru tal-Finanzi, il-fondi jridu jintalbu mill-Kunsill billi timtela` l-formola relatata. Il-kwotazzjoni ppreżentata fil-laqgħa ta` qabel hija għax-xiri tal-*bike rack station*. Il-kumpanija Nextbike Malta jipprovdu s-sistema, *connections*, assigurazzjonijiet, manutenzjoni u r-roti. Il-Kunsill qabel li ssir it-talba għall-fondi mal-Ministeru tal-Finanzi u kif ikun hemm il-konferma li l-ispiża ser tiġi rimborża, isir ix-xiri tal-*bike rack station.*

## 51.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

51.4.1 Festa ta` Marija Annunzjata
Is-Sindku rringrazzja lill-kullħadd għax l-attivitajiet ta` matul il-ġimgħa tal-festa kienu suċċess u ma kienx hemm problemi.

## 51.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

51.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 51.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

51.6.1.1 Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2018
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart minn Jannar sa Ġunju 2018 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

51.6.1.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa xi spejjeż hemm inklużi taħt *Hospitality* (3300-3379) u *Office Hospitality* (3345). Is-SE ser titlob lill-*accountant* biex jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

51.6.1.3 Ir-rapport ġie approvat unanimament.

51.6.2.1 *Tender for the Professional Services of an Architect and Civil Engineer* – BLC 03/2018
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Professional Services of an Architect and Civil Engineer* – BLC 03/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

51.6.2.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

51.6.3.1 <u>*Tender for the Collection of Bulky Refuse using environmentally friendly transportation services* – BLC 04/2018</u>
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport kif ukoll il-Minuti tal-Evalwazzjoni tat- *Tender for the Collection of Bulky Refuse using environmentally friendly transportation services* – BLC 04/2018. Kopja ta` dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

51.6.3.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa` r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni u għaldaqstant dan ir-rapport kif ukoll il-minuti ġew approvati.

51.6.3.3 Is-SE qalet li peress li l-irħas offerta taqbeż il-baġit, hemm bżonn li tiżdied l-allokazzjoni għal dan is-servizz tiżdied b`€2,060 għal din is-sena. L-*accountant* tal-parir li dawn l-ammonti jitnaqqsu mill-baġit:

1. *Public & Office Utilities* - €500 (diġa` approvata f`Laqgħa Nru. 49)
2. *Other Support Services* - €1,160
3. *Stationery* - €400.

Il-Kunsill unanimament approva.

Is-SE talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex l-*item* li jmiss (51.7) tiġi diskussa aktar tard peress li l-Perit Anthony Bezzina kien għadu ma wasalx. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 51.8.

## 51.8 Rikostruzzjoni ta` Wied Ħal Balzan

51.8.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` u l-Kunsillier Joe Galea iddikjaraw li bħala minoranza jappoġġjaw il-mod ta` kif mexa s-Sindku fuq il-kwistjoni taż-żewġ siġriet, jaċċettaw l-ilmenti ta` dawk kollha li esprimew l-opinjoni lis-siġar ma kellhomx jitneħħew, jikkundannaw ċertu paroli żejjed li ntqal f`dan il-konfront u jikkundannaw ukoll l-għaġir ta` min isserva bis-sitwazzjoni għal skopijiet ulterjuri.

51.8.2 Is-Sindku irringrazzjhom tal-appoġġ u qal li kien hemm min ħa vantaġġ politiku jew personali minn din is-sitwazzjoni. Is-Sindku infurma lill-Kunsill li qiegħed b`kuntatt kontinwu mal-Inġinier li qiegħed imexxi l-proġett, fejn aċċertah li f`dan il-proġett hemm inkluż ukoll tħawwil ta` siġar ġodda ta` speċi oħra li mhumiex ficus.

51.8.3 Is-Sindku qal li l-Inġinier infurmah lit-triq ma tippermettiex li jkun fiha *bicycle lane* u bankini fuq żewġ naħat bil-wisa` li tippermetti l-liġi. Il-Kunsilliera kollha qablu li hija prijorita li jsiru l-bankini fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

51.8.4 Is-SE infurmat lill-Kunsill bil-proċedura biex issir applikazzjoni għal *speed camera.* Is-SE qalet li l-Kunsill l-ewwel għandu jipprepara *Impact Assessment Report* dettaljat. Dan ir-rapport għandu jiġi mħejji minn Perit jew Espert fil-qasam tat-traffiku. Dan ir-rapport għandu jinkuldi riċerka dwar imwiet fatali, diżgrazzji u inċidenti tat-traffiku li seħħew matul l-aħħar sentejn f`din it-triq, flimkien ma` kwalunkwe miżura tat-traffiku li diġa` ġiet adottata mill-Kunsill. Għalhekk, il-Kunsill irid jgħati ċans ix-xogħlijiet jitlestew, qabel ma jibda l-proċess biex issir applikazzjoni għal *speed camera.*

51.8.5 Is-Sindku stieden lir-resident li kien preżenti biex jersaq mal-mejda. Ir-resident ressaq it-tħassib tiegħu dwar ir-rilokazzjoni ta` dawn iż-żewġ siġriet. Il-Kunsill ħa nota u r-resident ġie ċċertat li l-Kunsill qed jagħmel mill-aħjar li jista` biex jiżdiedu s-siġar.

F`dan il-ħin (9.33am) wasal il-Perit Anthony Bezzina flimkien mal-assistent tiegħu Clayton D`Amato. Is-Sindku talabhom biex jersqu mal-mejda biex tiġi diskussa *item* 51.7.

## 51.7 Talba għal ħlas mill-Perit relatati max-xogħlijiet tad-disinn u l-preparazzjoni ta` pjanti

51.7.1 Is-SE talbet lill-Perit biex jgħati spjegazzjoni ta` dawn ix-xogħlijiet. L-assistent tal-Perit, is-Sur Clayton D`Amato spjega li l-Kunsill kien ordna li jiġu ppreparati diversi *surveys* topografiċi għal diversi toroq fl-akwati tal-pjazza bil-ħsieb li japplika għal fondi Ewropej biex il-proġett ta` tisbiħ tal-pjazza jiġi estiż għat-toroq tal-madwar u li dawn is-*surveys* ġew imħallsa. Is-Sur D`Amato qal li din l-*invoice* li tammonta għas-somma ta` €3,304.00 hija tax-xogħlijiet għad-disinn u l-preparazzjoni tal-pjanti bbażati fuq dawn is-*surveys* topografiċi.

51.7.2 Is-SE qalet li, l-Kunsill qatt ma rċieva kwotazzjonijiet ta` dan. Qalet ukoll li dan ix-xogħol qatt ma kien ordnat mill-uffiċċju u għalhekk l-ispiża qatt ma ġiet approvata mill-Kunsill. Jekk dan ix-xogħol ġie mitlub mill-Kunsillier inkarigat mill-Fondi Ewropej, dan għandu jerfa` r-responsabbilta` u mhux jitfa` l-piż fuq il-Kunsill.

51.7.3 Apparti dawn il-pjanti, il-Perit qal li trid tiġi sottomessa applikazzjoni mal-*Planning Authority* sabiex jinġieb il-permess għax-xogħlijiet u li dan il-permess ikun validu għal ħames (5) snin. Bil-permess tal-*Planning Authority* il-Kunsill ikun jista` japplika għal fondi Ewropej biex isir dan il-proġett.

51.7.4 Il-Kunsill talab lill-Perit biex jibgħat stima ta` kemm tiġi tiswa l-ispiża sabiex issir l-applikazzjoni mal-*Planning Authority*. Din il-kwistjoni terġa` tiġi diskussa aktar il`quddiem fil-preżenza tal-Kunsillier inkarigat mill-Fondi Ewropej.

51.7.5 Dwar il-ħsarat li fil-pavimentar li hemm fil-pjazza quddiem il-*bus stop* u madwar it-tappiera li hemm fi Triq Ġuże Bonnici, il-Perit qal li l-perjodu tal-garanzija (sentejn) tax-xogħlijiet tal-pjazza ilu li skada, u għalhekk il-ħsarat iridu jiġu rranġati għas-spejjeż tal-Kunsill. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li nġibu kwotazzjoni tal-ispejjeż biex jiġu rranġati l-ħsarat.

F`dan il-ħin (9.55am), il-Kunsillier Daniel Muscat skuża ruħhu mil-laqgħa għal ftit minuti.

## 51.9 Ġieħ Ħal Balzan

51.9.1 Is-Sindku xtaqt jinnomina lill-Mons. Joe Galea Curmi, Isqof Awżiljarju fl-Arċidjoċesi ta` Malta jingħata l-premju ta` Ġieħ Ħal Balzan. Il-Kunsill unanimament approva din in-nomina.

51.9.2 Qed jiġi ppjanat li Jum Ħal Balzan din is-sena jiġi ċċelebrat jew nhar il-Ħadd 9 ta` Settembru 2018 jew il-Ħadd 16 ta` Settembru 2018, fejn ikun hemm l-għoti ta` Ġieħ Ħal Balzan. Din is-sena Ġieħ Ħal Balzan ser jingħata lill-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca, President ta` Malta u lill-Mons. Joe Galea Curmi. Fl-istess ġurnata, se ssir ukoll l-Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-preżenza tal-Eċċellenza Tagħha u l-Isqof Awżiljarju.

F`dan il-ħin (10.05am) il-Kunsillier Daniel Muscat daħal lura għal-laqgħa.

51.9.3 Il-Kunsilliera qablu li fid-9.30am issir Ċelebrazzjoni ta` Quddiesa għall-Okkażjoni mill-Mons. Joe Galea Curmi fil-Knisja Parrokkjali ta` Ħal Balzan. Wara jsir l-Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Fl-aħħar se jkun hemm *drinks* għand Fra Giuseppe Wine Bar.

51.9.4 Se jiġi ċċekkjat id-disponibilta` tal-Eċċellenza Tagħha u tal-Isqof Awżiljarju fid-dati msemmija, u fil-laqgħa li jmiss tiġi deċiża d-data tal-attivita`.

## 51.10 Attivita` Kulturali organizzata mill-Kunsill

51.10.1 Is-Sindku qal li peress li l-iSkema Attivitajiet Kulturali ma ħarġitx u għalhekk l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival* mhux ser tiġi organizzata din is-sena. Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena tittella` attivita` għal żmien il-Milied.

51.10.2 Il-Kunsill unanimament qabel ma` dan is-suġġeriment. Se jibda l-ippjanar għal din l-attivita` biex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

F`dan il-ħin (10.30am) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fl-10.40am.

## 51.11 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

51.11.1 <u>Kwotazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta` Santa Marija</u>
Ġiet innutata kwotazzjoni għar-restawr tal-istatwa ta` Santa Marija. Ix-xogħlijiet tar-restawr qed jiġi stmati għal €8,150 (VAT eskluż) u €2,500 (VAT eskluż) biex jintrama l-i*scaffolding.* Il-Kunsill m`għandhux dan l-ammont ta`

fondi disponibbli u għalhekk ġie deċiż li niċċekkjaw jekk hawnx xi skemi disponibbli biex napplikaw għal fondi.

51.11.2 Ċirkulari AKL 2018/067 – Proċedura stabbilita ta` kif Kunsill japplika għall-*Bus Shelter* ġdid jew jirrapota ħsarat
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/067 – Proċedura stabbilita ta` kif Kunsill japplika għall-*Bus Shelter* ġdid jew jirraporta ħsarat mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Kif jiġi maħtur il-Perit, minnufih jiġi nfurmat biex jipprepara d-dokumenti biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni għal *Bus Shelter* fi Triq Birbal faċċata ta` Zmerc Pub u fil-Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes.

51.11.3 Ċirkulari AKL 2018/072 – L-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/072 – L-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Il-Kunsill unanimament qabel li jissieħeb f`din l-inizjattiva biex jiġi eliminat l-użu tal-bżieżaq li jittajru waqt attivitajiet fil-lokalita`.

51.11.4 Ċirkulari AKL 2018/075 – *Malta Textile Recycling*
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2018/075 – *Malta Textile Recycling* mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar inizjattiva ta` ġbir ta` ħwejjeġ u ċraret li ma baqalhom l-ebda użu mingħajr ħlas minn wara l-bieb tar-residenti. Il-Kunsill qabel li niltaqgħu mar-rappreżentant ta` din il-kumpanija għal aktar informazzjoni u din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

51.11.5 Pink October Campaign 2018
Ġiet innutata ittra mibgħuta minn The Marigold Foundation fejn qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fil-*Pink October Campaign 2018* billi jixgħelu post monumentali fil-lokalita` bil-kulur roża matul ix-xahar ta` Ottubru. Il-Kunsill qabel li ma jieħux sehem peress li l-ispiża hija għolja biex tixgħel post għal xahar sħieħ. Se nistaqsu ż-żewġ każini tal-banda jekk humiex interesstati li jieħdu sehem.

51.11.6 Talba biex isiru *Parking Bays* fi Triq l-Annunzjata
Resident qed jitlob li jsiru l-*parking bays* fi Triq l-Annunzjata fin-naħa li m`hemmx. Preżentament hemm *parking bays* fuq naħa waħda tat-triq. Il-Kunsill approva din it-talba u se ssir applikazzjoni ma` Transport Malta.

## 51.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

51.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 7/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €21,524.61, li tinkludi l-ammont ta` €33.28 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta` Ġunju 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

51.12.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 51.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

51.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-11.00am.

51.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 13 ta` Awwissu 2018 fid-9.00am.

Konfermati, illum it-Tnejn, 13 ta` Awwissu 2018.

IFFIRMATA

Andre` Grech f/Nut. Ian Spiteri
Viċi Sindku Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv